MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 45/2013

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Edward Caruana Soler u Lilian armla minn Joseph Caruana Soler kif ukoll Edward Caruana Soler, Alexander Caruana Soler, Edwina mart Noel Barthet, Mary Anne mart John Papagiorcopulo, Nathalie mart Raymond Ferris u Roberta mart Mark Borg Busuttil, ahwa Carauna Soler lkoll bhala eredi tal-mejjet Joseph Caruana Soler**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat fil-21 ta' Jannar 2013 li permezz tieghu r-rikorrenti qeghdin jitolbu li s-sentenza fl-ismijiet PL Joseph Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited vs Edward Caruana Soler u Joseph Caruana Soler (926/1990JAF) tas-7 ta' April 1992 terga' tigi reza ezegwibbli. B'dik is-sentenza l-konvenuti kienu gew ikkundannati jhallsu s-somma ta' sitta u ghoxrin elf sebgha mija u erbgha u tmenin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€26,784.53), flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxijiet ulterjuri mis-26 ta' Marzu 1990 sal-jum tal-pagament effettiv.

Permezz ta' zewg noti prezentati llum l-intimati ammettew it-talba.

**Ghaldaqstant il-qorti tilqa' t-talba u b'hekk terga' tirrendi ezegwibbli s-sentenza Bank of Valletta Limited vs Edward Caruana Soler et (926/1990JAF) fil-konfront tal-intimati, bl-ispejjez kontra taghhom**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------